



Brussell, 25 ta' April 2019
(OR. en)

8826/19

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0423(NLE)

EURODAC 13
ENFOPOL 206

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għall-ażil iddepożitata fid-Danimarka jew f'xi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea u l-'Eurodac' għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni ta' Dublin li testendi dak il-ftehim għall-attivitajiet ta' infurzar tal-liġi u l-Anness tiegħu - Adozzjoni

1. Fl-14 ta' Diċembru 2015, il-Kunsill adotta Deċiżjoni li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati dwar ftehimiet bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa, u r-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika tal-Iżlanda, ir-Renju tan-Norveġja, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein, min-naħa l-oħra, dwar il-modalitajiet tal-parteċipazzjoni ta' dawk l-Istati fil-Eurodac għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi¹.
2. Wara li tlestew in-negozjati, fl-14 ta' Diċembru 2018 il-Kummissjoni ppreżentat proposti għad-deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar l-iffirmar u dwar il-konklużjoni tal-Protokoll bejn il-Komunità Ewropea u d-Danimarka rigward l-aċċess għall-Eurodac għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi u l-Anness tiegħu².

¹ 14035/15 EU RESTREINT

² 15680/18 u 15676/18 + ADD 1

3. Id-deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Protokoll ġiet adottata fis-7 ta' Marzu 2019³. Il-Protokoll ġie ffirmat mill-Partijiet fis-27 ta' Marzu 2019.
4. Fis-7 ta' Marzu 2019, il-Kunsill iddeċieda li jibgħat l-abbozz ta' deċiżjoni dwar il-konklużjoni kif ukoll it-test tal-Protokoll lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu⁴.
5. Fis-17 ta' April 2019, il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu għad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll.
6. Fid-dawl ta' dan t'hawn fuq, il-COREPER qed jintalab jikkonferma l-ftehim dwar il-konklużjoni tal-Protokoll bejn il-Komunità Ewropea u d-Danimarka rigward l-aċċess għall-Eurodac għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi, u jistieden lill-Kunsill biex:
 - jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għall-ażil iddepożitata fid-Danimarka jew f'xi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea u l-'Eurodac' għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni ta' Dublin rigward l-aċċess għall-Eurodac għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi, kif stipulat fid-dokumenti 15822/18 u 15823/18 + COR 1 (it) (testi ffinalizzati mill-ġuristi lingwisti);
 - jiddeċiedi li t-test tad-Deċiżjoni msemmija hawn fuq jiġi ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali.

³ Ippubblikata fil-ĠU L 71, 13.3.2019, p. 9-10.

⁴ 6639/19